MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 118/2009

**Joseph u Mary konjuġi Debono**

**-vs-**

**Paul Borg**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta’ Frar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata ta’ l-ewwel (1) ta’ Frar elfejn u erbgħa (2004) (Dok. A) l-istanti ikkonċedew b’titolu ta’ lokazzjoni lill-konvenut, l-appartament internament immarkat bin-numru ħamsa (5) fi blokk numru tmienja (8) ta’ Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex;

2. Illi tali lokazzjoni saret għal perjodu ta’ ħames (5) snin dekorribbli mill-1 ta’ Frar 2004 versu l-kera annwa ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) ekwivalenti għal erba’ mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€456.87) pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem;

3. Illi meta dan it-terminu wasal biex jagħlaq, u ċioe’ nhar id-dsatax (19) ta’ Novembru elfejn u tmienja (2008) l-istanti ikkonġedew il-kirja (Dok. B). Sussegwentement, fuq talba tal-konvenut, saret proposta għal kirja ġdida (Dok. C) iżda meta l-konvenut resaq sabiex issir skrittura privata għal dan l-iskop innega l-proposta;

4. Illi llum il-kirja għalqet u għalhekk il-konvenut qiegħed jokkupa l-fond *de quo* mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

5. Illi madanakollu, il-konvenut naqas milli joħroġ mill-fond u għalhekk l-esponenti kellhom jipproċedu b’din il-kawża u sa fejn jafu l-espoennti l-konvenut ma għandu eċċezzjonijiet x’jagħti f’din il-kawża;

Illi r-raġuni tat-talba hi li l-konvenut qiegħed jokkupa l-appartament internament immarkat bin-numru ħamsa (5) fi blokk numru tmienja (8) ta’ Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex mingħajr titolu validu fil-liġi u peress li jirrikorru l-elementi meħtieġa *ai termini* ta’ l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12, l-istanti jitlob li din il-kawża tinstema’ bid-dispensa tas-smiegħ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħrija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tisma’ din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta’ l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tordna lill-konvenut sabiex tiżgombra mill-fond *ossia* l-appartament internament immarkat bin-numru ħamsa (5) fi blokk numru tmienja (8) ta’ Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex u dan *entro* terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2009 li permezz tiegħu awtorizzat lill-konvenut jikkontesta l-kawża.

Rat il-verbal tas-sentenza tal-lum li permezz tiegħu l-konvenut ammetta t-talba u l-attur irrinunzja għat-talbiet fil-mertu iżda żamm ferm fuq il-kap ta' l-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------